# IL-BIDWI

FOLJU MAĦRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Nru. 19 IT-TNEJN, 16 TA' AWISSU, 1943. Nru. 19


# KELMTEJN MILL-EDITUR

**Il-Mieta u l-Bdiewa**

TABILĦAQQ, il-bdiewa bosta drabi jitqarrqu għaliex ikunu jistennew xi prezzijiet għoljin għal xi prodotti tar-raba' u l-Gvern jiffissa prezz iżjed baxx milli jkunu jixtiequ huma. Dan, iżda, huwa pont bil-wisq meħtieġ li wieħed jifhmu qabel jibda jfassal u jqasqas dak li jidhirlu kontra l-Gvern.

Hi ħaġa li jafha kulħadd illi l-Gvern ma jistax iħares biss lejn l-interess ta' parti waħda mill-popolazzjoni u jħalli l-parti l-oħra ssofri. Jinħtieġ li hu jara li ma jsir xejn li jista' jkun ta' moħqrija mingħajr bżonn għal parti jew oħra tal-popolazzjoni. Prova sabiħa ta' dan għandna fil-kas tal-patata tax-xitwa tas-sena li għaddiet. Il-Gvern xtara bin-nofs lira minn għand il-bdiewa, ħallas fuqha s-senserija, ħallas il-qligħ lil tal-ħwienet li qassmuha, kellu spejjeż fil-ġbir u t-tqassim tagħha, u ma' dan kollu biegħha lil min jiekol bis-skut! B'hekk il-Gvern ħallas lill-bidwi prezz li hu deherlu li dak iż-żmien kien jistħoqqlu għat-tbatijiet li sofra, u fl-istess ħin hu ħalla lil min jiekol jixtriha bi prezz wisq inqas milli kienet tiswa.

Iżda m'għandniex ninsew li dan kien ġara fi żmien ieħor, fi żmien meta Malta tagħna kienet imħaxkna mill-għadu lejl u nhar, u meta l-bdiewa kienu wkoll qegħdin jagħmlu ħilthom kollha biex ilaħħqu l-prodotti meħtieġa għall ikel. Alla jħares kellna ndumu f'assedju bħal dak għal żmien itwal milli domna, għaliex ukoll i-bdiewa li kienu qegħdin jaqilgħu flus mhux ħażin kienu wkoll jibdew jilmentaw bl-ikrah. Fi ftit kliem il-posizzjoni li konna fiha dak iż-żmien kienet "sitwazzjoni artifiċjali" u l-bniedem ma jistax idum wisq jgħix f'sitwazzjoni artifiċjali mingħajr ma jġib konsegwenzi koroh.

Bil-grazzja t'Alla, l-imblokk ta' Malta għalaq, u għalaq b'rebħa kbira għall-Alleati. Ma' dik ir-rebħa għabet għal kollox dik is-sitwazzjoni artifiċjali li kienet inħolqot. Il-bdiewa ħadmu sħiħ, u l-ħidma tagħhom tibqa' dejjem tissemma fl-istorja ta' dawn il-Gżejjer. Issa meta għadda dak iż-żmien, u l-ħruxija tal-imblokk m'għadhiex tinħass iżjed fuqna, tkun tassew ħasra mill-ikbar jekk aħna, imħabba t-tgergir li ngorru għall-prezzijiet, nitilfu dak il-ġieh hekk sabiħ u kbir li bih għoġobha żżejjinna d-dinja kif iddur.

**Iż-Żmien tagħna hu ż-Żmien li għad irid jiġi**

Bosta nies fid-dinja jħarsu lejn il-gwerra bħala l-isbaħ u l-aħjar opportunità biex jistagħnew malajr. Dan hu żball kbir; u aħna bħala Kattoliċi ma nistgħux ma nikkundannawhx. Aħna anzi nistgħu nifhmu kemm hu żball kbir dak li wieħed jipprova jistagħna minn fuq il-gwaj u minn fuq id-dwejjeq u t-tixrid ta' demm ta' ħutu u ta' qrabatu. Huwa tabilħaqq li l-flus li wieħed jaqla' mill-gwaj ta' ħaddieħor fi żmenijiet bħal dawn ma jista' qatt ikollhom il-barka t'Alla.

L-Alleati — li minnhom Malta tagħmel biċċa — qed jiġġieldu għal-libertà u l-ħelsien tal-ġnus tad-dinja mn'idejn id-dittaturi li dejjem kienu jieklu mingħajr ma jixbgħu. Aħna għal daqshekk għandna nħarsu lejn dan iż-żmien bħala żmien tas-sakrifiċċju u tat-tbatija li, fl-istess ħin hu bil-bosta meħtieġ sakemm aħna niksbu r-rebħa ta' l-aħħar li mbagħad iġġibilna l-fjur tal-paċi u tal-kwiet. It-tama tagħna għandha tkun għaż-żmien li ġej, li aħna nħarsu lejh bit-tama kbira u qawwija li l-Gvern imexxina u jgħinna nibdew ħajja ġdida li fiha l-bdiewa jistgħu jgħixu bħal ġnus oħra, kif jixraq, u xejn inqas minn bdiewa f'naħiet oħra tal-kbir u glorjuż Imperu Ingliż.

Aħna għal daqshekk għandna nħarsu biss lejn iż-żmien li ġej li nittamaw li jkun għall-bdiewa u għall-biedja żmien ġdid, żmien li fih wieħed jista' jinsa t-tbatijiet tal-imgħoddi, żmien li jgħix ta' bniedem, żmien li fih dak li jixtri jixtrih bil-ħaqq u dak li jbigħ ibigħu bil-ħaqq. F'dak iż-żmien il-bdiewa allura jsibu l-ħlas. — MELA NIMXU BIL-KURAĠĠ LEJN IL-PROGRESS!

:x:

## IT-TFAL JISTGĦU JGĦINU

Kull missier hu fid-dmir li jwarrab minn fuq uliedu kull xeħta għall-għażż. Il-għażż hu ikrah wisq u hu bosta drabi kaġun ta' vizzji koroh li jistgħu jwasslu lill-bniedem f'għamil kriminali li jġib konsegwenzi kbar.

Meta t-tfal jibqgħu lura fl-iskola, flok li wieħed iħallihom jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn u jagħmluha ma' xi kumpannija ħażina għandu igħallimhom affarijiet meħtieġa li dejjem ikun hemm f'kull razzett jew f'kull għalqa. Bħallikieku t-tinqija mill-ħaxix ħażin hi ħaġa li kull tifel jew tifla jista' jagħmilha bħallikieku xejn; it-tmigħ tat-tiġieġ jew ta' annimali oħra hi wkoll biċċa faċli li t-tfal jista' wieħed jinkarigahom jieħdu ħsiebha kuljum.

Hi ħaġa bil-bosta sabiħa li t-tfal iġġagħalhom iħossu ftit tar-responsabbiltà minn żgħożithom. Huma jitilgħu iżjed bil-għaqal u jagħmlu ġenerazzjoni tajba għaż-żmien li ġej.

Meta t-tfal jagħmlu xi osservazzjoni, tkun kemm tkun innoċenti u ta' bla importanza, isimgħuha bis-simpatija. Meta tingħata xi biċċa xogħol fir-raba' hi ħaġa tal-għaġeb kemm jagħdu malajr u kemm jidraw malajr josservaw xi ħwejjeġ li ma ikunux flokhom, bħalma huma l-mard tat-tjur u l-mard tal-prodotti.

Jekk it-tfal ta' żmien mhux żgħir wisq jiġu mgħallmin kif jieħdu annimal, bħal żiemel jew debba jew xi annimal ieħor, minn post għall-ieħor, huma jrabbu fihom infushom kuraġġ kbir u kunfidenza.

Iżda qatt tagħmel l-iżball li tagħtihom xi biċċa xogħol li taf li ma jafux jagħmluha qabel ma tfissirhielhom tajjeb u tkun taf żgur li fehmuha. Jekk ikollhom jagħmlu xi ħaġa li ma jafux, huma aktarx jiskartawha fin-nofs u malajr jieħdu dak il-vizzju li x-xogħol iħalluh nofsu mitmum.

# IL-MARD TAD-DWIELI

## Il-Mard tad-Dwieli u l-Bexx

FIL-GŻEJJER tagħna nitilfu ħafna għeneb kaġun ta' mard li bi ftit ta' għaqal nistgħu kieku neħilsu minnu. Il-bidwi bosta drabi jbixx **biex jilqa' l-mard,** iżda ma hux biżżejjed li wieħed ibixx, jiħtieġ ukoll ibixx tajjeb u fil-waqt.

Sew meta l-marda tnixxef bil-mod il-mod il-weraq, kif ukoll meta tmiss l-egħnieqed nejja jew misjura, kmieni jew tard, il-ħsara li tagħmel tkun bil-bosta kbira.

X'uħud mill-bdiewa jgħidu li ma jimporta xejn jekk il-marda tmiss il-weraq basta ma tmissx l-egħnieqed. Dawn jagħmlu żball meta jaħsbu hekk, għaliex il-weraq huma l-pulmun tal-pjanta. Bis-saħħa tal-weraq il-pjnata tixrob l-arja, tħaddem is-sustanzi li tixrob mill-art, u fi żmien il-ħsad, bix-xogħol li jagħmlu l-weraq, insibu fil-għeneb il-lewn, iz-zokkor, l-aċdu, u sustanzi oħra li bihom nagħmlu nbid tajjeb u ta' saħħa. Jekk inti taqta' l-weraq minn dielja meta l-egħnieqed ikunu għadhom żgħar, l-għeneb jibqa' żgħir, l-għenbiet jibqgħu ħodor, il-laħam tagħhom qares u togħmtu ħażina.

## Il-Peronospora

Marda qalila li ftit jew wisq tidher kull staġun hi l-*peronospora*. Din hi marda li ilha magħrufa iżjed minn 100 sena. F'Malta ndunajna l ewwel darba biha fl-1889. Fl-1911 din il-marda għamlet ħsara bil-bosta kbira f'dawn il-gżejjer.

Il-peronospora ġejja minn fungu rqiq li jibda biex imiss wiċċ il-weraq li fuqhom jidher bħala tbajja' safranin. Dawn it-tbajja' jikbru bil-mod il-mod, isiru ta' lewn kannella, jinxfu u jitqarqċu. Minn taħt il-weraq dawn it-tbajja' jkunu għall-ewwel bħal tal-wiċċ iżda mbagħad jimtlew bi trab abjad irqiq li malli tmissu jitfarfar. Dan it-trab hu ż-żerriegħa tal-marda u bih il-marda tixtered malajr. F'jum ħiemed bir-riħ isfel, b'temperatura daqsxejn sħuna, il-marda tixgħel u tixtered fuq id-dwieli kollha tal-qrib, u minn dawk tal-qrib għal oħrajn iżjed bogħod. Fuq dwieli li jkunu f'xi rokna dellija, il-marda tixgħel iżjed malajr.

Il-marda tidher ukoll fuq l-egħnieqed. kemm fuq dawk li żahru kif ukoll fuq l-oħrajn li jkunu għadhom ma żahrux Il-marda tista' tidher ukoll fuq l-għenbiet fl-aqwa tas-sajf.

Jekk il-marda tal-Peronospora tmiss l-egħnieqed, sew jekk dawn ikunu għadhom jiżahru, kemm jekk l-għeneb ikun kbir, allura l-ħsara tkun kbira għaliex teqridhom f'qasir żmien.

Biex neħilsu minn din il-marda jiħtieġ li aħna nikkumbattuha u nikkumbattuha bil-qalb u kif titlob is-sengħa. Xogħol magħmul b'nofs qalb u kif ġie ġie ma hux ħaġ'oħra għajr telf ta' żmien u rimi ta' flus.

## Jiħtieġ inbixxu fil-waqt u meta jinħtieġ

Biex nikkumbattu din il-marda jiħtieġ inbixxu, u nbixxu fil-waqt u meta jinħtieġ.

Jekk aħna nbixxu bil-mistura burduliża, jiħtieġ li aħna niksbu kupru tajjeb u ġir tajjeb. Il-mistura ssir billi tħallat il-ġir virġni msoffi u magħmul ħalib tal-ġir malkupru maħlul fl-ilma. Għal dan ix-xogħol ikollok bżonn mastella kbira li tasa' erba' bramel ta' l-inbid, barmil talgħuda li jasa' 3 jew 4 galluni, biex fih jissaffa l-ġir virġni, filtru tal-fildiferru rqiq biex minnu ssaffi l-ħalib tal-ġir, u żewġ lasti ta' l-injam biex tħawwad; waħda minnhom twila għall-mastella u l-oħra iqsar għall-barmil.

Għal din it-taħlita għandek bżonn 3 irtal kupru u ratlejn ġir virġni għal kull 36 gallun ilma.

Biex il-bexx jiswa sewwa għal din il-marda, wieħed għandu jbixx meta r-raħs ikun twil 4 pulzieri; il-bexx ma jagħmilx ħsara, anzi jservi ta' ġid, jekk wieħed ikun qabel ta l-kubrit. Jiħtieġ ukoll li:—

1. Tbixx xi għaxart ijiem qabel ma l-egħnieqed jiżahru.
2. Tbixx malli ż-żahar jiftaħ.
3. Tbixx wara li ż-żahar jagħqad.
4. Tbixx għal nofs **Lulju.**
5. Tbixx **għall-aħħar ta' Lulju.**

Il-bexx jiħtieġ isir fuq il-pjanta kollha, fuq il-weraq mill-wiċċ u minn taħt, fuq l-egħnieqed u fuq iz-zokk.

Inwissu lill-bdiewa li din is-sena l-bexx hu meħtieġ iżjed minn snin oħra, u dawk li ma jridux jagħlu għandhom jimxu skond dak li għedna.

## Il-Mell Dqieqi u kif tilqgħu

Il-marda tal-Mell Dqieqi jew Mell Abjad, li min ma jafx iħallatha mal-peronospora tad-dwieli, hija marda li dan l-aħħar dehret iżjed qawwija, l-iżjed fil-ġonna tad-djar. Dil-marda aktarx tidher fuq il-weraq żgħar torja tal-pjanta u minn hemm tixtered għal fuq l-egħnieqed. Meta tmiss iżżahar l-għanqud aktarx jispiċċa jew jekk igħaqqad allura jgħaqqad wisq ftit għeneb, li jinkesa bħal trab dqieqi. Meta tidher fuq il-għeneb, il-marda tagħmel bħal tbajja' griżi li magħhom ikollhom trab fin abjad. Din il-għabra hi ż-żerriegħa tal-marda, u biha l-marda mhux biss tixtered minn siġra għall-oħra, iżda wkoll minn ġnien għall-ieħor u minn għalqa għall-oħra. Il-għeneb mimsus bil-marda jinqasam u ma jiswa għal xejn.

Għal din il-marda l-aħjar hu l-kubrit tajjeb, jew is-"Shirlan A. G." Sew il-kubrit kif ukoll is-Shirlan A. G. għandhom jintgħataw xi ġimgħa qabel ma l-egħnieqed jiżahru. Malli ż-żahar jiftaħ jinħtieġ wieħed jarġa' jagħti l-kubrit jew ix-Shirlan u jtenni meta l-għanqud u jekk ikun hemm bżonn malli l-għeneb jikber ftit, ngħidu aħna daqs piżella.

:x:

## IL-WERŻIEQ

**Bħalissa jibda jinstama' l-werżieq iredden minn meta tidher sakemm tgħib ix-xemx. Il-ħsara li jagħmel il-werżieq hija li jdejqek bl-agħjat tiegħu. Jingħad li l-werżieq isajjar it-tin. M'għandniex x'ingħidu, din hija ħrafa. It-tin isajru ż-żmien u x-xemx u mhux il-werżieq. Il-werżieq ibid fuq iz-zkuk niexfa bħal bajd irqiq daqs ponta ta' labra. Malli jfaqqas, id-dudu tal-werżieq jaqa' fl-art u jinżel fuq l-egħruq tas-siġar u jgħix minnhom. Wara xi tlitt snin li jkun kiber u wasal biex isir werżieq, jitla' maz-zokk tas-siġra, joħroġ minn qoxortu u jibda minnufih jittajjar u jwerżaq u jkattar ir-razza.**

## IL-BUĦARRAT

Il-buħarrat jgħix fil-ħamrija bejn 6 u 18-il pulzier fond. Hawn Malta billi r-raba' hu qasir insibuh igħix f'inqas fond. Minn fejn iħaffer u jgħaddi, il-wiċċ tal-ħamrija jkun maqsum jew imtalla'. Għal ħabta tar-rebbiegħa l-buħarrat raġel u buħarrat mara jgħixu flimkien u l-mara tbid mat-300 bajda. Wara sentejn id-dud li joħroġ mill-fosdqa jikber sewwa. L-iktar li jgħix f'ħamrija ħafifa, niedja u mdemmla, f'kelma waħda f'raba' saqwi. L-ikel tiegħu huwa l-bebbux u d-dwied li jinsabu ġewwa d-demel. Għalkemm l-għajxien tiegħu huwa d-dud, huwa jħobb ukoll igerrem ix-xtieli tal-prodotti u jqaċċat minn dawk il-pjanti huwa u jgħawwar minn taħt il-ħamrija. Huwa jagħmel ukoll ħsara fil-patata billi jtaqqabha u jgħawwarha. Li kieku ma kienx għax jagħmel din il-ħsara fil-pjanti, il-buħarrat konna nogħożżuh bħalma ngħożżu l-qanfud, għax jeħlisna minn ħafna dwied.

Biex jilqa' ruħu mill-ħsarat tal-buħarrat il-bidwi jaqsam qasba min-nofs u jdaħħal ġo fiha x-xtieli li jħawwel fl-art. Mezz ieħor li hu tajjeb ħafna, u li dlonk juża l-bidwi tagħna, huwa li kull sentejn jew tlieta jnewweb il-wiċċ bix-xgħir jew qamħ. Iżda b'hekk il-bidwi jitlef sena saqwi. Hemm żewġ mezzi oħra biex il-bidwi jilqa' ruħu mill-ħsarat tal-buħarrat. Wieħed minnhom huwa munzell demel taż-żiemel fil-għalqa: bil-lejl il-buħarrat imur jistaħba ġo fih u l-bidwi fil-għodu jista' b'hekk jiġbru mad-demel. It-tieni wieħed huwa bomblu mtaqqab il-wisa' ta' sitt ħabbiet fil-ġnub invell wieħed b'żerriegħa intuskata ġewwa fih, u mgħaddas ġewwa l-ħamrija bit-toqob tal-ġenb invell mas-serbut li l-buħarrat ikun iħaffer. Il-buħarrat huwa u għaddej dlonk jidħol ġol-bomblu u jiekol ta' ġo fih. Hemm min jagħmel bomblu mimli bl-ilma u jqiegħdu ġol-ħamrija f'nofs is-serbut tal-buħarrat; il-buħarrat huwa u għaddej jidħol mit-toqob tal-ġenb tal-bomblu, jaqa' fl-ilma u jegħreq.

B'danakollu ta' min ikun jaf illi l-buħarrat, iżjed ma wieħed juża demel artifiċjali (demel ta' barra), inqas isib art tajba biex jirgħa fiha. Il-buħarrat, għalkemm iħobb id-demel naturali, jibża' wisq mis-Sulfat tal-Ammonja, u fejn wieħed isaqqi b'dan, il-buħarrat dlonk jaħrab.

## FUQ IZ-ZUNTIER

### PEPPI U TONI

PEPPI.—Tajba din ukoll... tajba din... x'kull waħda...

TONI.—Bonġu Pepp, x'int aljenat dalgħodu xi ġralek?...

PEPPI.—X'kull waħda u x'kull waħda, tassew li kultant ta' min jgħid li aħna l-bdiewa ma jkollniex x'nagħmlu. X'kull waħda...

TONI.—Iva nista' naf x'il mniegħel ġralek għodu għodu?... lagħbithomlok Katrin?

PEPPI.—...Ara tgħidli hekk għax inħebb għalik... għax Katarin tiegħi lili tgħożżni...

TONI.—Mela għidli xi ġralek...

PEPPI.—Mela nkun għaddej minn ħdejn Ninu ta' Fraġwann u rajtu jaqta' l-fjuri tal-artiċokk, jiena ħsibtu...

TONI.—Sewwa... sewwa...

PEPPI.—Hallini nitkellem!... Jiena ħsibtu talbuh xi bukkett fjuri għall-knisja, iżda qalli li dak qed jagħmlu għax is-sengħa moderna hekk titlob. X'kull waħda u x'kull waħda...

TONI.—U kemm il-mniegħel ħaddtha bi kbira? Sewwa qallek. Is-sengħa titlob illi l-artiċokk wieħed jaqtagħlu l-fjur jekk jista' jkun b'imqass. Ixxjenza sabet illi meta taqta' l-fjur l-għeqiedi jikbru iżjed u aktarx li jagħmel xi żewġ għeqiedi żejda wkoll.

PEPPI.—U x'il-mniegħel qed tgħid... X'sabet ix-xjenza? Huwa l-lum ix-xjenzjati m'għandhomx fiex igħaddu ż-żmien? Għax ma jsibux biex wieħed jilqa' l-bombi? Moħħ il-fjur ta' l-artiċokk għandhom?! Ara, ħallini Ton...

TONI.—Imma m'hix biċċa ġdida, biċċa li ilna ħafna nafuha, imma aħna dejjem minn ta' l-aħħar biex nosservaw irqaqat bħal dawn.

PEPPI.—Ara Ton... ħu fastidju kemm trid, imma jien naħseb li din xi biċċa invenzjoni tiegħek... Din xi biċċa biex tbellgħuhieli; biex immur naqta' l-fjuri u tqabbduni ma' Katarin tiegħi.

TONI.—Le... le... Pepp. Dawn mhux affarijiet taċ-ċajt. Dawn ħwejjeġ ippruvati. Ara Pepp, meta l-pjanta tagħmel il-fjur, u meta l-fjur jaqbad jinxef, hi tkun qed tagħmel sforz biex tlaħħaq iż-żerriegħa?

PEPPI.—Kollox sew, sa hawn nifhimha...

TONI.—Allura meta inti taqta' l-fjur, dik il-forza li l-pjanta soltu taħli biex tgħaqqad iż-żerriegħa tmur biex tħaxxen jew iżżid l-għeqiedi.

PEPPI.—Kos qed tirraġuna Ton... allura???

TONI.—Allura flok toqgħod tidħak u titkellem waħdek bħal ħaġa belha, meta tara xi ħaġa ġdida hekk għandek tibda tippruvaha. Din il-kwistjoni li taqta' l-fjur mhux biss fl-artiċokk għandek tippruvaha, imma fil-patata wkoll.

PEPPI.—Qed tħajjarni, Ton.

TONI.—Biex inti tkun taf id-differenza, ħalli biċċa bil-fjur mhux maqtugħ u imbagħad osserva l-prodott. Għandek issib differenza ġmielha.

PEPPI.—Din il-biċċa nippruvaha Ton. Issa ħaġ'oħra... naqbeż fi kliem ieħor. L-affari tal-prezzijiet x'jidhirlek minnha?

TONI.—Għal-liema prezzijiet qed tgħid, Pepp?

PEPPI.—Qed ngħid għall-prezzijiet tal-ħxejjex u tal-frott. Mindu l-affari qiegħda f'idejn il-Gvern, aħna, il-bdiewa sejrin lura bħall-granġ.

TONI.—Jien ma naħsibx bħalek, Pepp. Il-lum il-familji qegħdin tajjeb dwar ir-razzjon, u mhux kulħadd għadu jfittex il-ħaxix kif kien qabel.

PEPPI.—U ħallini minnek, Ton!... Ma tridx tgħid jewwilla illi ftit minestra jew soppa mhux kulħadd jagħmilha d-dar, l-iżjed meta ma ssibx ħaġ'oħra x'tagħmel?

TONI.—Sa hawn naqbel miegħek, imma l-lum jekk wieħed jagħmel ftit minestra fil-bliet jagħmilha darba jew darbtejn fil-ġimgħa u ma jagħmilhiex kuljum bħalma kien isir qabel.

PEPPI.—Għaliex taħseb hekk?

TONI.—Naħseb hekk għaliex il-lum għandna ħafna razzjon, u wara li wieħed jixtri r-razzjon bil-kemm jibqagħlu biex jixtri l-ħaxix! Insomma l-lum innies għandhom fuqiex jgħixu u mhux qegħdin fuq il-ħaxix biss, bħalma konna bħal daż-żmien sena.

PEPPI.—Hekk tassew... għax jien nara minn Katarin tiegħi... daż-żmien daqqa bil-ħelwa tat-Tork u daqqa bil-karamelli... Kultant xi biċċa *chocolate* u xi gallettina wkoll...wiċċ ta' tosta li hi tiekol sehmi wkoll...

TONI.—Allura fuqiex qed tilmenta?

PEPPI.—Għax jien jidhirli li kieku għall-ħaxix il-Gvern iħalli l-kwistjoni tal-prezzijiet weħidha bħalma kienet fl-antik, kieku aħjar. Għax iġġib li ġġib kieku ħadd ma jista' jgorr.

TONI.—Biċċa bħal din, fi żminijiet bħal dawn, il-Gvern ma jistax jagħmilha; u kieku jagħmilha aħna stess li l-lum qegħdin ingorru, nerġgħu nduru lejn il-Gvern biex jew jirranġa l-affari jew jaqbeż għalina u...

PEPPI.—Kieku ma nfittxuh xejn, Ton! Kull ma ngħidu hu li aħna riħnieh hekk u allura noqogħdu għalih.

TONI.—Kieku taf x'jiġri Pepp, kieku jiġri illi xi sensala jidħlu fin-nofs, jixtru minn ħaġa jew oħra kemm ifettlilhom, u jikkontrollaw is-swieq huma kif iridu u kif jidhrilhom, u b'hekk ibatu l-bdiewa u jbati l-poplu wkoll...

PEPPI.—U ħallini minnek...

TONI.—Għax, kos, is-sensala xejn ma huma bħal bdiewa. Is-sensala jafu l-affarijiet tagħhom u jafu kif għandhom iżommu s-suq. Il-bdiewa moħħhom biss biex jifgaw is-suq bil-prodotti li jkollhom, u meta jagħmlu hekk huma stess ikunu qegħdin iġibu b'idejhom dak li jkunu qegħdin jibżgħu minnu, jiġifieri t-tbaxxija tal-prezzijiet.

PEPPI.—Din ma nistax nifhimha, Ton?...

TONI.—Is-sensala jistgħu, ngħidu aħna, jixtru l-basal kollu li hawn f'Malta u Għawdex. Huma jafu li, ngħidu aħna, is-suq jiflaħ 500 qantar fil-ġimgħa, allura huma jiftiehmu, jew ukoll kull tant mingħajr ma jiftiehmu, jirregulaw ruħhom b'mod li jqiegħdu fis-suq imqar 400 qantar fil-ġimgħa u b'hekk iżommu s-suq nieqes u b'hekk jiksbu prezzijiet mill-aħjar.

PEPPI.—X'ħażen eh?... Imma mbagħad jekk jibqgħalhom ħafna għall-aħħar ta' l-istaġun x'jagħmlu, Ton...

TONI.—Għal dak ma jħabblux rashom, Pepp, għax huma jkollhom ġa' ħobżhom maħbuż... għall-aħħar ta' l-istaġun iraħħsu... imma wkoll jekk ikollhom jarmu kwantità kbira ta' basal jew prodott ieħor li jkun, huma ma jħabblux rashom, għaliex ikunu ġa' fdew kollox.

PEPPI.—Allura, inti taħseb li aħna l-bdiewa nistgħu nagħmlu bħalhom?

TONI.—U mela ma nistgħux... Flok niġġennu biex nimlew il-pitkali bil-prodotti tagħna, għandna neħduhom ftit ftit, b'hekk il-ħaxix u l-frott li nieħdu jiġu regulati skond ma jikkonsma s-suq, u b'hekk il-prezzijiet iżommu iżjed regulari.

PEPPI.—Kieku nagħmlu hekk, kieku tajjeb ħafna...

TONI.—Jien niżgurak, Pepp, li kieku l-Gvern ma jirregulax il-prezz u l-affarijiet hu, u kieku kellu jħalli l-affarijiet joħorġu minn għand il-pitkali bħalma kien isir qabel il-gwerra, kieku l-biċċa l-kbira tal-prodotti — l-iżjed kif qed immexxu l-affarijiet aħna — kieku inqas biss nifduhom.

PEPPI.—Forsi għandek raġun...

TONI.—Mhux forsi, imma għandi raġun żgur, għaliex il-Gvern jaħseb għal kulħadd, u għalkemm aħna l-bdiewa naħsbu illi l-Gvern qiegħed kontra tagħna, għandek tkun taf li hu jaħseb fil-poplu kollu u jagħmel għal kulħadd dak li jinħtieġ...

PEPPI.—Jista' jkun ukoll...

TONI.—Aħna għadna impressjonati bil-prezzijiet li ġibna s-sena l-oħra meta kien hawn nuqqas ta' l-ikel f'kollox, u m'aħniex inġibu quddiem għajnejna li l-lum m'aħna neqsin minn xejn. Ukoll biċċa ħelu nsibu-

(*Jissokta fil-faċċata* 4)

## IN-NGHAĠ TAR-RAZZA "EAST FREISIAN"

IL-MEJJET Avukat G. Micallef, li Alla jagħtih il-Ġenna, fl-1936 kien ġieb mill-Ġermanja r-razza ta' ngħaġ hekk imsejħa "East Freisian". Din ir-razza hija magħrufa ma' kullimkien bħala waħda mill-aħjar razez għall-ħalib, għal-laħam u għall-kwalità u kwantità tas-suf. Għall-kuntrarju, in-nagħġa tagħna għandha ftit suf, ta' kwalità iktarx komuni u tarfa' ftit laħam. Għalhekk id-drawwa li nħalltu d-demm mar-razza li semmejna hija mhux biss ħaġa tajba imma meħtieġa għall-aħħar. Ir-razza *Freisian*, imħabba l-kwalitajiet tajba tagħha, sabiex tkun tista' sservi għall-bżonnijiet kollha mitlubin minn xi postijiet tal-Ġermanja, ma kenitx tista' toħroġ mill-pajjiż tal-Ġermanja. Il-Gvern ta' Malta kien irnexxielu, madankollu, li jġib permess minn għand il-Gvern Ġermaniż biex jesporta xi ftit irjus. Konna, għalhekk, ġibna disa' mtaten u ħames għebejjer. L-imtaten tqassmu f'Malta u Għawdex qalb ir-raħħala biex il-bdiewa jkunu jistgħu jfittxu minnhom in-ngħaġ tagħhom. Il-Għawdxin għarfu wisq iżjed mill-Maltin il-kwalità ta' din ir-razza, b'mod li b'hekk il-lum għandna wisq iżjed taħlit ta' nisel ta' ngħaġ ma' din ir-razza f'Għawdex milli f'Malta.

Wara li għamilna studju fuq dan t-taħlit ta' nisel, sibna dawn il-vantaġġi: —

a) Billi n-ngħaġ huma ta' talja akbar, il-ħrief iġibu ruħhom iżjed 'il quddiem. Sibna li piż ta' żewġt iħrief ta' nisel imħallat ma' tar-razza *Freisian*, meta jinqatlu wara tliet ġimgħat jilħaq daqs tlitt iħrief ta' Malta. Hekk ukoll in-ngħaġ ta' din ir-razza mħallta fihom iktar piż min-ngħaġ ta' Malta.

b) In-nisel imħallat tan-ngħaġ huwa iżjed mgħobbi bis-suf. In-ngħaġ tagħna għandhom suf sa nofs żaqqhom. Fin-ngħaġ ta' nisel ir-razza *Freisian* is-suf jibqa' sejjer. Il-produzzjoni tan-ngħaġ ta' Malta hija dwar ratal, filwaqt li dik tan-ngħaġ imnisslin mill-muntun *Freisian* tilħaq madwar ratlejn.

ċ) Fin-ngħaġ imnisslin mir-razza *Freisian*, il kwantità ta' ħalib tiżdied, għalkemm in-nagħġa tagħna tagħti ħalib mhux ħażin.

Għal dawn ir-raġunijiet nitolbu lill-bdiewa, l-iktar lil dawk ta' Malta, biex jagħmlu wisq iżjed użu minn dawn l-imtaten tar-razza *Freisian*. F'Għawdex tista' tgħid li għoddhom inqerdu l-imtaten ta' razza Maltija pura, u l-bdiewa ta' l-irziezet issa iktarx issibilhom jew l-imtaten ta' barra jew imtaten ta' nisel imħallat ma' ta' barra bi proporzjon kbira ta' demm mir-razza ta' barra.

Fiż-żminijiet imwiegħra li għaddejjin minnhom jaqbel wisq iżjed li aħna nżidu fit-trobbija tan-ngħaġ; dawn, għal kuntrarju ta' bhejjem oħra, igħaddu b'kollox u jistgħu jitrabbew bla tbatija u mingħajr ħsieb biex wieħed jara kif jagħmel u jiddobba l-ġwież, b'mod li l-bdiewa jkollhom, fl-istess ħin, il-profitti tagħhom. Ma għandniex xi ngħidu, bil-ġwież in-ngħaġ javanzaw wisq iżjed, imma għalina, għalissa, din mhix ħaġa hekk faċli. B'dankollu nżommu quddiem għajnejna li waqt li l-majjal ma tistax trabbih bla ġwież jew smida, in-ngħaġ jistgħu jitrabbew mingħajru, u għalhekk, iżjed ma l-ġwież ikun skars, iżjed jaqbel li nżidu fit-trobbija tan-ngħaġ

## FUQ IZ-ZUNTIER

(*Jissokta mill-faċċata 3*)

ha, u għal daqshekk m'hawnx il-kwart tat-talba għall-frott li kien hawn is-sena l-oħra.

PEPPI.—Hallik mis-sena l-oħra, Ton. Aħna issa qegħdin fi gwerra u l-prodotti kollha jinbigħu bil-għoli.

TONI.—Bħallikieku sentejn ilu meta l-patata kellna nagħ-ġnuha mal-ħobż, mhux il-gwerra kienet. Hemm ukoll, il-Gvern qabeż biex ma jħallix 'il-bdiewa jbatu telf. Il-patata kienet sejra bit-tliet skuti u nofs jew erba' skuti l-qantar. Għandna niftakru kollox, Pepp, mhux inqisu dak li jaqbel lilna biss.

PEPPI.—Għandek raġun, Ton. Naħseb li kif għidt inti, aħjar noqogħdu għal dak li jagħmel il-Gvern, milli nippruvaw neħilsu mill-qattara biex neħlu fil-miżieb!

## AVVIŻI

**TRASFERIMENTI TA' QBIELA JEW PROPRJETA' TA' RABA'.** — Id-Dipartiment tal-Biedja sar jaf illi bosta bdiewa biħsiebhom idawru l-qbiela, iċ-ċens jew proprjetà ta' raba' li qed f'idejhom f'isem uliedhom jew qraba li huma suġġetti għal-lieva. Id-Dipartiment tal-Biedja jwissi, għalhekk, illi dan it-tibdil, ħlief f'kasijiet speċjali, ma jikkalkulahx meta jiġi biex jirrikkmanda dawk l-applikazzjonijiet li jsiru minn nies biex jiġu meħlusin mil-lieva. It-trasferimenti ta' raba' f'isem ħaddieħor, ħlief f'kasijiet ta' veru bżonn, ma jservux ħlief biex iġibu taħwid fil-kotba tad-Dipartiment tal-Biedja u ma jiswewx biex iġagħlu lid-Dipartiment jirrikkmanda lil dak li jkun biex jiġi meħlus mil-lieva.

**QAMĦ GHAŻ-ŻRIGĦ U GHALL-BHEJJEM TAX-XOGĦOL.** — Navżaw lill-bdiewa biex qabel ma jikkunsinnaw il-qamħ jew ix-xgħir lill-Gvern jaqraw sewwa fuq il-Formula tal-Kunsinna kemm għandhom iżommu għaż-żrigħ u għall-bhejjem tax-xogħol.

**IRĊEVUTI TAL-QBIELA.** — Niġbdu l-attenzjoni tas-sidien ta' raba' għar-Regolamenti dwar l-Irċevuti tal-Kera tal-Proprjetà ta' Artijiet tal-Biedja li ħarġu fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 tax-xahar li ħareġ. Taħt dawn ir-Regolamenti l-irċevuti kollha tal-qbiela ta' raba' ta' mhux inqas minn tomna għandhom isiru fuq formuli maħruġin mid-Direttur tal-Biedja li jistgħu jittieħdu mill-Uffiċċju tal-Biedja, Trieq ta' l-Iskola, il-Ħamrun, jew minn kull Għassa tal-Pulizija. Is-sid għandu jibgħat kopja, li tinqara, ta' kull irċevuta lid-Direttur tal-Biedja fi żmien ħmistax-il-ġurnata mid-data tal-ħlas tal-qbiela, iżda għal dik il-qbiela li tagħlaq u titħallas bejn i-15 ta' Awissu u l-15 ta' Settembru, 1943, il-kopja ta' l-irċevuta tista' tinbagħat sat-30 ta' Settembru, 1943.

Il-formula li għandha tkun użata għal din il-kopja hija bħal dik li tkun użata għall-irċevuta oriġinali, jiġifieri għal dik l-irċevuta li tingħata lill-gabillott.

Hija ħaġa ċara li bil-għajnuna ta' formula regulari ta' rċevuta tal-qbiela l-Gvern ikun jista' jżomm Ċensiment tal-Biedja u mappa bil-kejl tar-raba' regulari billi fihom jitniżżel dak it-tibdil li jsir fuqhom maż-żmien ikollu jsir.

**AVVIŻ LILL-GHASSARA TA' L-INBID.** — Niġbdu l-attenzjoni ta' l-għassara kollha ta' l-inbid għar-Regolamenti ta' l-1943 dwar il-Kontroll tal-Produzzjoni u Restrizzjonijiet tat-Tagħbija ta' l-Inbid, ippubblikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 368 tat-28 ta' Lulju, 1943, li jgħidu li ħadd ma jista' jagħmel jew jipprepara inbid mingħajr ma jkollu permess speċjali mogħti lilu minn għand id-Direttur tal-Biedja. Il-formuli ta' l-applikazzjonijiet għal dawn il-liċenzi jistgħu jittieħdu mill-Uffiċċju tal-Biedja, Trieq ta' l-Iskola, il-Ħamrun, jew mill-Uffiċ ju tal-Biedja, ir-Rabat, Għawdex. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu għand id-Direttur tal-Biedja sa nhar is-Sibt, l-14 ta' dan ix-xahar **sa nofs in-nhar.**

**KUNDANNI GHAL TAĦLIT FL-IPPAKJAR TA' ĦAXIX.**—Dawn il-bdiewa ġew ikkundannati, l-ewwel wieħed multa ta' £5 u t-tieni wieħed multa ta' £10 mill-Bord għat-Twettieq tal-Biedja talli ħalltu fl-ippakkjar ta' Pastard: Antonju Gatt, "Ta' Pitruzzu", Trieq Mamo, Ħaż-Żebbuġ; Joseph Borg, "Tal-Moħriet", Trieq is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ.

Inwissu lill-bdiewa illi d-Dipartiment tal-Biedja biħsiebu jkompli jieħu passi kontra dawk li jagħmlu xi ħtijiet bħal dawn. Huwa fl-interess tal-bdiewa iżjed minn ta' ħaddieħor illi l-ippakkjar tal-ħaxix u tal-frott għandu jkun skond ma jixraq bla ebda taħlit fid-daqs u kwalità.

**OFFERTI GHAX-XIRI TA' TJUR.** — Sa nhar il-Ġimgħa, il-20 ta' Awissu, 1943, l-Uffiċċju tal-Biedja, il-Ħamrun, jirċievi offerti għax-xiri ta' tjur.

Il-formuli ta' l-offerti jistgħu jittieħdu mill-Uffiċċju tal-Biedja, il-Ħamrun, jew mill-Qasam tal-Gvern, il-Għammieri, il-Marsa. Min irid jista' jmur jara dawn it-tjur fil-ħinijiet tax-xogħol fil-Qasam tal-Gvern, il-Marsa, mill-15 ta' Awissu, 1943.